**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Neville Camilleri B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Mercieca)**

**vs.**

**Tyrone Sammut**

Numru 266/2015

Illum 16 ta' Marzu 2017

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Tyrone Sammut**, ta' tlieta u ghoxrin (23) sena, bin Francis u Sylvia-Antonia neé Cachia, imwieled il-Pietà nhar it-28 ta' Dicembru 1991, li joqghod fil-fond Nru. 65, Marisa, Flat 9, Triq it-Turisti, San Pawl il-Bahar, u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 50592(M)

akkuzat talli nhar it-3 ta' Ottubru 2009, f'xi hin bejn 00.30am u t-8.45am, minn karozza tat-tip Peugeot 306 numru tar-registrazzjoni BAI 967, li kienet ipparkjata fi Triq il-Porzjunkola, San Pawl il-Bahar:

1. ikkommetta serq ta' ghadd t'oggetti, fosthom pjanu tal-elettriku, apparat tal-*Hi Fi* u s-sedili ta' quddiem tal-istess

karozza, liema serq huwa aggravat bil-valur, li jeccedi l-elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa, liema serq sar ghad-dannu ta' Alfredo Tanti u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita'/ entitajiet ohra;

2. volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioé karozza Peugeot 306, numru tar-registrazzjoni BAI 967, liema hsara ma tiskorrix l-elf, mija u erbgha u sittin Euro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69) sittax il-Euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) izda izjed minn tlieta u ghoxrin Euro u disgha u ghoxrin centezmu (€23.29) u li saret ghad-dannu ta' Alfredo Tanti u/jew ta' xi persuna/i jew ta' xi entita' /entitajiet ohra.

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz.

<u>Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' Gunju 2015 moghti mis-Sinjurija Tieghu l-Prim'Imhallef (*a fol.* 46 *et seq.*).</u>

Rat illi, fis-seduta tal-15 ta' Settembru 2015 (*a fol.* 53), il-Prosekuzzjoni u d-difiza ezentaw lill-Qorti kif preseduta milli terga' tisma x-xhieda kollha li kienu diga nstemghu minn din il-Qorti kif diversament preseduta qabel din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 109) datata 12 ta' Frar 2016 li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub:

(a) fl-Artikoli 17, 31, 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) fl-Artikoli 261(c)(f)(g), 267, 270, 271(g), 279(b), 280(1), 281(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) fl-Artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi, waqt l-udjenza tat-3 ta' Mejju 2016 (*a fol.* 116), gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fit-12 ta' Frar 2016 (*a fol.*

109), f'liema seduta l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Rat illi, fis-seduta tas-26 ta' Ottubru 2016 (*a fol.* 118), l-imputat iddikjara li kien ser jaghzel li ma jixhidx f'dawn il-proceduri u ddikjara wkoll li ma kellux provi xi jressaq.

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni pprezentata fis-27 ta' Ottubru 2016 (*a fol.* 119 *et seq.*).

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tad-difiza pprezentata fit-2 ta' Novembru 2016 (*a fol.* 125 *et seq.*).

Semghet, fis-seduta tal-31 ta' Jannar 2017 (*a fol.* 129), lill-Prosekuzzjoni u lid-difiza jiddikjaraw li ma kellhom xejn aktar x'izidu man-Noti ta' Sottomissjonijiet taghhom.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tal-14 ta' Mejju 2015, xehed l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Joseph Mercieca** (*a fol.* 12 *et seq.*) fejn spjega li dan il-kaz jmur lura ghall-incident li gie rapportat lill-Pulizija tal-Qawra fit-3 ta' Ottubru 2009 minn Alfredo Tanti li qal li kellu l-vettura tieghu tal-ghamla Peugeot 306 bin-numru ta' registrazzjoni BAI 967 ipparkjata hdejn id-dar tieghu f'San Pawl il-Bahar u sabha sgassata u sab neqsin xi affarijiet li kien hemm go fiha. Spjega li fid-29 ta' Ottubru 2015 gie nfurmat mid-Dipartiment tal-Forensika, precizament mill-iSpettur Ramon Casha li kien tela' *fingerprint* ta' l-imputat minn fuq l-istess vettura. Jghid li dan il-*fingerprint* kien tela' minn fuq barra tal-bieba tan-naha ta' wara tal-lemin. Spjega li kien baghat ghall-imputat u qal x'inghad mill-imputat meta staqsieh xi domandi. Ezebixxa numru ta' ritratti li gew immarkati

bhala Dok. "JM 1" sa "JM 11" (*a fol.* 15). Ikkonferma li giet rilaxxata stqarrija mill-imputat, liema stqarrija tinsab *a fol.* 4 *et seq.*.

Illi, fis-seduta tal-14 ta' Mejju 2015, xehed ukoll **Alfredo Tanti** (*a fol.* 16 *et seq.*) fejn ikkonferma li kien ghamel rapport lill-Pulizija fejn qal li *"qisu f'xi Ottubru"* (*a fol.* 16) tas-sena 2009 ghal xi nofs il-lejl kien halla l-vettura tieghu tal-ghamla Peugeot 306 bin-numru ta' registrazzjoni BAI 967 ipparkjata u msakkra quddiem fejn kien joqghod, cioé fi Triq Porzjunkola, l-Qawra u l-ghada filghodu nduna li minn gewwa tal-vettura kienu serqulu s-*seats*, l-*istereo*, pjanu, kotba u kif ukoll apparat tad-daqq. Jghid li l-vettura ma kienitx wahda gdida u li rranga l-vettura kollha. Jghid li biddel is-*seats* li gew madwar mija u hamsin Euro (€150) u jixhed li ha l-vettura ghand it-tellar u b'kollox nefaq elf Euro (€1000). Mistoqsi dwar xi hsarat soffriet il-vettura, jghid li kien hemm hsara fil-*lock* tal-bieba u kif ukoll fid-*dashboard* u li t-tellar kien Sammy ta' Burmarrad. Jixhed li l-pjanu kien jiswa madwar hames mitt Euro (€500) u li l-basket tal-*wires* kollu ta' l-*amplifiers* kienu jiswew madwar tlitt mitt Euro (€300). Jghid li kellu wkoll apparat iehor li jiswa madwar mitt Euro (€100) u zewg *microphones* li bejniethom jiswew madwar tlitt mitt Euro (€300). Jispjega li kellu dawn l-affarijiet li jikkoncernaw il-muzika peress li kien idoqq *part-time*. Jghid li s-socjeta' tal-assigurazzjoni kienet GasanMamo u wiegeb fl-affermattiv ghad-domanda jekk irkuprax l-ispejjez kollha tal-vettura. Meta gie muri ritratti minn Dok. "JM 2" il-quddiem (*a fol.* 15) ikkonferma li din hija l-vettura li qed jitkellem fuqha.

Illi, fis-seduta tal-14 ta' Mejju 2015, xehed ukoll **PC 498 Christian Farrugia** (*a fol.* 24 *et seq.*) fejn spjega li Alfredo Tanti kien mar jaghmel rapport li gie ezebiet u mmarkat bhala Dok. "CF" (*a fol.* 26 *et seq.*)[1]. Jghid li hu ma rax il-vettura ghax Tanti qallu li ma setax imur biha peress li qal li kienu nsterqulu s-*seats*.

Illi, fis-seduta tal-14 ta' Mejju 2015, xehed l-i**Spettur Colin Sheldon** (*a fol.* 31 *et seq.*) fejn spjega li qabel lehaq Spettur kien Surgent bin-numru PS 680 fejn qal li meta fis-27 ta' Jannar 2015 kien qed jaghmel komparazzjoni ta' *lifters* elevati minn fuq xeni ta' reat

[1] Din l-okkorrenza hija identika ghal dik li hija mmarkata bhala Dok. "AB 1" (*a fol.* 57 *et seq.*)

rrizulta ezitu pozittiv fir-rigward ta' vettura Peugoet 306 bin-numru ta' registrazzjoni BAI 967. Jghid li din il-vettura kienet Bugibba jew il-Qawra u giet sgassata u xi hadd seraq xi affarijiet minn go fiha. Jghid li kien hemm zewg *lifters* li kienu telghu minn fuq il-vettura minn PS 171 li gew dokumentati bhala 09CAU301 u 09CAU 302. Jghid li l-*lifter* bin-numru 09CAU301 kien qabel mas-subgha tac-curkett ta' l-id ix-xellugija tal-imputat. Jghid li l-*lifter* bin-numru 09CAU302 ma kellux punti bizzejjed biex jigi kkumparat u b'hekk gie skartat. Ezebixxa r-relazzjoni tieghu li giet immarkata bhala Dok. "CS" (*a fol.* 35 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tal-14 ta' Mejju 2015, xehed ukoll **PS 198 Arthur Debattista** (*a fol.* 33 *et seq.*) fejn spjega li gie ndikat zewg *prints* minn PS 680 (illum Spettur Colin Sheldon) u hu vverifika li dawn kellhom punti karatteristici identici. Jghid li Dok. 09CAU301 jaqbel mal-*print* immarkata bhala dik tas-subgha tac-curkett tax-xellug ta' Tyrone Sammut. Meta gie muri Dok. "CS" (*a fol.* 35 *et seq.*), qal: *"Jien l-prints mhux se naghrafhom illum il-gurnata pero hawn hekk hawn miktub li kont ivverifikajtu nhar is-sebgha u ghoxrin (27) ta' Jannar ta' din is-sena elfejn u hmistax"* (*a fol.* 33). Huwa kkonferma dan.

Illi, fis-seduta tal-15 ta' Settembru 2015, xehed **PS 419 Anton Buttigieg** (*a fol.* 55 *et seq.*) rigward ir-rapport li kien sar minn Alfredo Tanti fit-3 ta' Ottubru 2009 fejn irraporta li xi hadd kien seraqlu xi affarijiet mill-vettura tieghu. Jghid li r-rapport ittiehed minn PC 498. Ezebixxa l-okkorrenza li giet immarkata bhala Dok. "AB 1" (*a fol.* 57 *et seq.*)[2].

Illi, fis-seduta tal-15 ta' Settembru 2015, xehed ukoll **Jonathan Pace** (*a fol.* 62 *et seq.*) fejn spjega li huwa *Claim Analyst* fil-*Motor Claims* tas-socjeta' GasanMamo. Jghid li fil-5 ta' Ottubru 2009 certu Alfredo Tanti (I.D. Nru. 784155(M)) kien ghamel *claim* fuq vettura bin-numru ta' registrazzjoni BAI 967. Jixhed li kienu hallsu s-somma ta' elf u mitejn Euro (€1200) neqsin l-*excess* pero jghid li Tanti kien ha elf u mitejn Euro (€1200). Jghid li lil Tanti kienu nsterqulu xi *parts* mill-vettura. Jghid li l-hlas kien ikopri wkoll il-hsara fil-vettura u kien a saldu. Mistoqsi jekk hux f'pozizzjoni li jghid liema

[2] Din l-okkorrenza hija identika ghal dik li hija mmarkata bhala Dok. "CF" (*a fol.* 26 *et seq.*)

kien hemm fuq hsara u kemm kien hemm fuq serq, wiegeb: *"Ma jkolliex ghax kull ma jkun fihom hu d-discharge receipt"* (*a fol.* 63). Ikkonferma li kien intbaghat certu Clive Mifsud biex jara l-vettura. Ezebixxa l-*claim form* u d-*discharge receipt* li gew immarkati bhala Dok. "JP 1" u "JP 2" (*a fol.* 65 *et seq.*).

In <u>kontro-ezami</u> jghid li l-assigurat kien inxjurjat taht polza *third party fire and theft*. Jghid li kien sar rapport minn naha ta' *surveyor* Clive Mifsud. Ezebixxa s-*Certificate of Motor Insurance* li gie mmarkat bhala Dok. "JP 3" (*a fol.* 69).

Illi, fis-seduta tas-27 ta' Ottubru 2015, xehdu wkoll **PS 171 Karl Glanville** u **PS 465 Daniel Abela** (*a fol.* 74 *et seq.*) fejn spjegaw li fit-3 ta' Ottubru 2009 kienu gew rikjesti mill-Pulizija tal-Qawra sabiex jaghmlu xoghol forensiku fuq vettura tal-ghamla Peugeot 306 bin-numru ta' registrazzjoni BAI 967 fi Triq il-Porzjunkola, Qawra minhabba li kien sar rapport dwar serq fuq l-imsemmija vettura. Jghidu li huma hadu ghaxar ritratti bil-kulur li jinsabu *a fol.* 15 tal-process u jghidu wkoll li gew elevati zewg *lifters* li gew ezebiti u mmarkati bhala Dok. "KG 1" u "KG 2".

Illi, fis-seduta tas-27 ta' Ottubru 2015, xehdet **Karen Cremona** (in rapprezentanza ta' *Transport Malta – a fol.* 76) fejn qalet li bejn id-19 ta' Gunju 1995 u t-28 ta' Frar 2013 vettura tal-ghamla Peugeot 306 ta' kulur *silver* li ggib in-numru ta' registrazzjoni BAI 967 kienet registrata fuq Alfredo Tanti (I.D. Nru. 784155(M)). Ezebiet d-dokumentazzjoni li xehdet fuqha liema dokumentazzjoni giet immarkata bhala Dok. "KC 1" (*a fol.* 78 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tal-1 ta' Dicembru 2015, xehed is-**Sur Joseph Mallia** (*a fol.* 89) fejn ezebixxa r-rapport redatt minnu li gie mmarkat bhala Dok. "JM 3" (*a fol.* 91).

Illi, fis-seduta tat-12 ta' Jannar 2016, xehed **Clive Mifsud** (*a fol.* 99 *et seq.*) fejn spjega li kien jahdem ma' GasanMamo bhala *insurance clerk* u jghid li kien tkellem ma' Tanti bhala sid il-vettura tal-ghamla Peugeot 106 bin-numru ta' registrazzjoni BAI 967 rigward il-*cash payment* li kellu jinghata. Jispjega li ma kienx jahdem bhal *surveyor*

u dana minkejja li nghad lilu li Jonathan Pace ghan-nom ta' GasanMamo ndikah bhala tali. Jghid li hu ghadda l-pagament ta' madwar disa' mija u hamsa u sittin (€965) lil Tanti. Jghid li s-somma kienet ta' elf u mitejn (€1200) li minnha tnaqqas l-*excess*. Ezebixxa l-*Payment Form* u d-*Discharge Receipt* li gew immarkati bhala Dok. "CM 1" u "CM 2" (*a fol.* 102 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tat-23 ta' Frar 2016, xehed **Saviour Muscat** (*a fol.* 111 *et seq.*) fejn spjega li huwa *panel beater* go garaxx tieghu li jismu "Wardija Garage Company Ltd" u li jinsab il-Wardija. Meta gie muri Dok. "JG 1" (*a fol.* 114 *et seq.*), qal: *"Dan Survey Report ma' wiehed minn taghna minn gol-garaxx. Fil-fatt inkun jien il-bicca 'l kbira, fejn naqblu li jkun hemm il-hsarat u l-kontijiet kemm ikunu"* (*a fol.* 111). Ikkonferma li wara li raw dawn l-affarijiet gie rilaxxat Dok. "JG 1" (*a fol.* 114 *et seq.*). Ikkonferma li hu kien prezenti u kkonferma wkoll il-kontenut ta' dan id-dokument. Ikkonferma l-hsarat fuq il-vettura li jidhru f'Dok. "JG 1" (*a fol.* 114 *et seq.*).

> *"Pros.: Tista' tghidilna x'kont iccertifikajt jekk joghgbok?*
> *Xhud: Din id-daqqa li kien hawn hawnhekk jsiru fil-fatt.*
> *Pros.: Dawk il-hsarat indikati?*
> *Xhud: Iva"* (*a fol.* 112).

In <u>kontro-ezami</u>, jghid: *"Mhux ser niftakar ezatt ezatt wahda b'haga, imma ifhimni kull survey isir bejnietna u bejn is-surveyor b'approval flimkien"* (*a fol.* 112). Ikkonferma li fuq ir-rapport hemm ismu u mistoqsi dan x'ifisser, wiegeb hekk: *"li nkunu naccettaw li jkun hemm dawk il-hsarat"* (*a fol.* 113). Jghid: *"Ahna meta jsir is-survey, jsir is-survey mas-surveyor bil-patt li jissewwa ghandna issa jekk imur ghand haddiehor isewwi ma nistax x'kien hemm jew ma kienx hemm"* (*a fol.* 113).

**Ikkunsidrat**

Illi, fl-istqarrija (*a fol.* 4 *et seq.*) rilaxxata mill-imputat lill-Ufficjal Prosekutur Mercieca, liema stqarrija giet rilaxxata wara li l-imputat nghata d-dritt li jikkonsulta ruhu ma' avukat ta' fiducja tieghu u huwa ha dan id-dritt, meta l-imputat inghad lilu li skond rapport

forensiku datat 29 ta' Jannar 2015 gie elevat *fingerprint* minn fuq il-vettura *de quo* in segwitu ta' rapport ta' serq mill-istess vettura liema *fingerprint* qabel mal-*left ring finger* tieghu, wiegeb: *"Jien ma niftakar xejn minn dan il-kaz"* (*a fol.* 4). Jghid li ilu jghix San Pawl il-Bahar mindu kellu disa' snin u li huwa jahdem *technician/electrician* mal-*Catering Centre* u jahdem ukoll fuq il-vetturi u muturi bhala *mechanic* ghal rasu. Ikkonferma li kien gie arrestat fuq pussess ta' droga pero jghid li ma kienx jaf li kienet droga ghax kien fis-sakra. Jghid li kien ghaddej minn zmien hazin minhabba t-tifel. Jghid: *"Jien li gara dan il-kaz, sincerament ma niftakarx. Issa jekk kontx dhalt jien fil-karozza, jew xi hadd fetahha u jien dhalt wara, ezattament, ma niftakarx ghax ghadda wisq zmien"* (*a fol.* 5). Meta nghad lilu x'insteraq mill-vettura in kwistjoni, qal: *"Qed nipprova niftakar xi haga fuqha. Kieku hadt pjanu kont niftakar…Ma nafx, ma nistax nifhem"* (*a fol.* 5). Mistoqsi jghid x'kienet l-ewwel vettura li kellu, jghid li l-ewwel kellu Escort Sierra u mbaghad kellu Peugeot 406 u BMW. Ghad-domanda: *"Pero' xi darba sraqt xi haga jew ippartecipajt, bilfors, nghid sew?"* (*a fol.* 5), wiegeb: *"Li niftakar li seta' xi darba kien hemm xi karozza mwarrba, ghall-iscrap voldieri, u jista' jkun li hadtilha xi haga. Tidhol fiha tara x'hemm u tiehu dak li joghgbok, la qed tghidli li zarmawlha s-seats. Lili l-406 zarmawieli wkoll. Dawk l-iktar affarijiet gravi li stajt ghamilt. Vera l-karozza setghet ma kienitx tieghi"* (*a fol.* 5). Mistoqsi jghid jekk jafx lil Alfredo Tanti, sid il-vettura in kwistjoni, wiegeb li bl-isem ma jafux pero jghid ukoll: *"ghalkemm jaf nafu"* (*a fol.* 6). Mistoqsi kif il-*fingerprint* tieghu nstabet fuq il-vettura li sfat il-mira ta' serqa, wiegeb: *"Ma nistax nghid x'seta gara. Seta xi hadd fetahha u jien mort wara, jien inhobb nittawwal f'karozza. Dak iz-zmien konna nkunu xi ghaxra, tkun flimkien u jekk tara karozza fl-istat li seta' hallieha min ghamel hekk setghet gietni t-tentazzjoni li nittawwal fiha, imma mhux biex nisraq. Jien ili nahdem mindu kelli tlettax il-sena. Jien dak iz-zmien kien ikollu flus iktar mil-lum"* (*a fol.* 6). Mistoqsi ghala jittawwal f'vettura, wiegeb: *"Kurzita', tkun ghadek zghir tara xi haga, fhimt. Rota u mutur kelli dak iz-zmien. Meta tkun ghadek zghir ikollok seba' mitt sena sakemm tibda ssuq"* (*a fol.* 6). Jghid li fil-kumpanija tieghu hadd ma kien hemm li kien jisraq u filwaqt li jghid li kienu jiggerrew barra jghid ukoll li ma kienux jaghmlu hekk biex jisirqu. Jghid li kieku kien hemm xi hadd jisraq, ma kienx jaghmilha mieghu. Jixhed: *"Jien mhux qed niftakar li sraqt minn xi karozza,*

*ghalkemm mhux qed neskludi li sibt xi karozza miftuha u hadt xi haga minnha imma mhux li kissirt xi karozza biex nisraq minnha"* (*a fol.* 6). Jghid li hu qatt ma kellu problema ta' droga u jghid ukoll li hu mhux halliel.

**Ikkunsidrat**

Illi f'din il-kawza l-imputat jinsab akkuzat b'zewg imputazzjonijiet: taht l-ewwel (1) imputazzjoni, l-imputat jinsab akkuzat li seraq l-affarijiet imsemmija f'din l-imputazzjoni, liema imputazzjoni taghmel riferenza ghal numru ta' kwalifiki ta' serq, u taht it-tieni (2) imputazzjoni l-imputat qed jigi akkuzat bi hsara volontarja.

Illi s-serqa u l-hsara volontarja allegatament kommessi mill-imputat gew kommessi fit-3 ta' Ottubru 2009. L-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat damu ma nhargu peress li dawn nhargu biss wara li l-Pulizija tat-taqsima forensika rrizultalhom rizultat pozittiv ta' *fingerprint comparison* bejn dak elevat minn fuq il-vettura in kwistjoni u dawk tal-imputat.

Il-Qorti tinnota s-segwenti:

- Mir-rapport (Dok. "CF" – *a fol.* 26 *et seq.*) redatt minn PC 498 Christian Farrugia f'Ottubru 2009 jirrizulta s-segwenti: *"Today the 03/10/2009 P.F.R. reported at Qawra Police Station and stated that someone unknown stole the mentioned item from his vehicle bearing registration number BAI 967. He stated that the thief broke all the locks, damaged the dashboard and even took the front seats. Since he can't drive the vehicle without seats forensic section are to call at his residence further on. At around 11.55hrs, SOCO personnel PS 171 and PS 465 repaired [recte: reported] on site for further invesigations"* (*a fol.* 30).

- Id-derubat Alfredo Tanti spjega fejn ipparkja l-vettura tieghu, fejn, fost l-ohrajn, spjega li kien hallieha msakkra u li l-ghada filghodu sab xi affarijiet neqsin minnha (liema affarijiet huwa

elenkhom fid-depozizzjoni tieghu) u fid-depozizzjoni tieghu jghid wkoll xi hsara sab fil-vettura tieghu.

- Fl-istqarrija (*a fol.* 4 *et seq.*) rilaxxata mill-imputat lill-Ufficjal Prosekutur Mercieca, l-imputat iwiegeb li ma jiftakarx x'gara. Jghid pero li kieku ha pjanu kien jiftakar pero jkompli jghid: *"Ma nafx, ma nistax nifhem"* (*a fol.* 5). Mistoqsi kif il-*fingerprint* tieghu nstabet fuq il-vettura li sfat il-mira ta' serqa, wiegeb: *"Ma nistax nghid x'seta gara. Seta xi hadd fetahha u jien mort wara, jien inhobb nittawwal f'karozza. Dak iz-zmien konna nkunu xi ghaxra, tkun flimkien u jekk tara karozza fl-istat li seta' hallieha min ghamel hekk setghet gietni t-tentazzjoni li nittawwal fiha, <u>imma mhux biex nisraq</u>"* (*a fol.* 6) [emfazi mizjuda mill-Qorti]. L-imputat ma eskludiex li sab xi vettura miftuha u ha xi haga minnha pero jichad li kisser xi vettura biex jisraq minnha. Il-Qorti tinnota li Tanti xehed li kien halla l-vettura tieghu msakkra.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Prosekuzzjoni tibbaza l-kaz taghha fuq il-*fingerprint comparison* li *del resto* gie kkonstatat ukoll mis-Sur Joseph Mallia fir-rapport redatt minnu.

Illi, minghajr dubju, il-kaz tal-Prosekuzzjoni huwa bbazat fuq *"circumstantial evidence"* li l-Prosekuzzjoni tishaq li din twassal sabiex tista tinstab htija fil-konfront tal-imputat ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu. *Da parte* taghha, id-difiza tikkontendi li dan mhux il-kaz.

Illi minn ezami akkurat ta' l-atti processwali jirrizulta li l-unika prova li tista' torbot lill-imputat mal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu huwa *lifter* Dok. 09CAU301 (Dok. "CS" – *a fol.* 38) li telgha minn fuq il-vettura *de quo* u li qabel mas-subgha tac-curkett ta' id ix-xellugija tal-imputat. Fir-rapport tieghu (Dok. "JM 3" – *a fol.* 91) is-Sur Joseph Mallia jasal ghas-segwenti konkluzjonijiet:

> *"1. Illi l-impronti li jidhru zviluppati u elevati permezz ta' lifter dokument 09 CAU 301, gew ikkomparati pozittivament u*

*ghalhekk huma identici mal-marka tas-saba tac-curkett u l-marka tas-saba tan-nofs tal-id ix-xellugija ta' Tyrone Sammut, detentur tal-Karta tal-Identita' Numru 50592(M)).*

2. *Illi l-impronta li tidher zviluppata u elevata permezz tal-lifter dokument 09 CAU 302, hija nieqsa mill-punti karatteristici li jwasslu ghall-komparazzjoni u identifikazzjoni, ghalhekk ma' setghux jsiru l-ezamijiet komparattivi rikjesti bejn din l-impronta u d-dokumenti JM 1 formola tal-impronti digitali u JM 2 formola tal-marki tal-pali tal-idejn ta' Tyrone Sammut, detentur tal-karta tal-identita' numru 50592(M)"* (*a fol.* 8 u 9 ta' Dok. "JM 3" – *a fol.* 91).

Illi l-Qorti tinnota li hadd ma ra s-serqa in kwistjoni u hadd ma ra l-hsara ssir. Minkejja dan, fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jason Lee Borg et** deciza fil-15 ta' Gunju 1998, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> "Provi jew indizzji cirkostanzali ghandhom ikunu univoci, cioé mhux ambigwi. Ghandhom ikunu indizzji evidenti li jorbtu lil akkuzat mar-reat u li jwasslu, mehuda ilkoll flimkien, ghal konkluzzjoni li kien l-akkuzat u hadd aktar, <u>anzi l-akkuzat biss</u>, li kien il-hati u li l-provi li tressqu kienu inkompatibbli mal-presunzjoni tal-innocenza tieghu. Il-prova ta' *fingerprints* qeghda hemmhekk biex f'xi kazijiet issahhah provi ohra tal-Prosekuzzjoni u f'kazijiet fejn dik tkun l-unika prova".

Illi fid-decizjoni moghtija fis-27 ta' Mejju 1999 mill-Qorti tal-Magistrati fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Victor Gatt**, il-Qorti sostniet li l-kaz tal-Prosekuzzjoni jistrieh fuq il-fatt li nstabu l-impronti digitali tal-imputat fuq flixkun tal-whisky misjub fil-fond fejn sehhet dik is-serqa. Illi fih innifsu ghalkemm dan hu ndizzju, huwa biss prova li l-imputat mess dak il-flixkun tal-whisky u xejn aktar.

Illi fis-sentenza moghtija fit-30 ta' Gunju 1998 fil-kawza fl-ismiijiet **Il-Pulizja vs. Emanuel Camilleri** gie deciz li:

"f'dak il-kaz il-prova tal-*fingerprints* kien jinhtiegilha korroborazzjoni minn provi cirkostanzjali ohra. Peró hemm kazijiet fejn il-prova tal-*fingerprints* wahedha tkun bizzejjed biex il-Qorti tkun moralment konvinta mill-htija tal-akkuza".

Fil-fatt fl-Ingilterra fil-kaz **R v. Castletan** (3 Cr App R - 74, CCA (*vide* Archbold 1997 para 14-97) gie deciz li:

*"Identification of fingerprints by a person expert in such prints may be sufficient even where it is the only evidence of identification".*

Illi fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Vincent Calleja** deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-7 ta' Marzu 2002 inghad is-segwenti:

"Il-ligi taghna ma tistabbilix il-kriterji ta' numru ta' *"matching points"* jew *"points of comparison"* li ghandhom jinstabu fuq il-post tad-delitt jew xi repert iehor ma' dawk tal-persuna suspettata. Fil-prattika pero' il-Pulizija ghall-biex tmexxi l-investigazzjoni ulterjorment il-quddiem, tistrieh fuq 9 *points*. Izda qabel ma tmur il-Qorti tkun trid li jkollha mill-inqas 14 il-"*point of comparison*"".

Imbaghad, fil-kawza **Il-Pulizija vs. Noel Frendo** deciza fit-30 ta' Dicembru 2004, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

"L-impronti digitali (u dawk palmari) huma forma ta' prova indizzjarja – *"circumstantial evidence"*" – li kif qal Lord Salmon fil-kaz **DPP v. Kilbourne** [1973] AC 729, p. 758 *"…works by cumulatively, in geometrical progression, eliminating other possibilities"*. Il-kwistjoni kollha hi mhux jekk l-impronta nstabitx f'post pubbliku jew f'post privat jew anqas pubbliku - il-kwistjoni kollha hi jekk, fid-dawl tac-cirkostanzi kollha, il-post fejn instabet l-impronta tikkonvincix lill-Gudikant lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni li dik l-impronta saret mill-persuna li lilha tappartjeni fil-kors tal-kommissjoni minn dik l-istess

persuna tar-reat li bih tkun akkuzata jew fil-kors ta' xi atti li jammontaw ghall-anqas ghal tentattiv ta' dak ir-reat".

Fil-kawza kwotata hawn fuq, il-Qorti qalet hekk ukoll:

"Wahedhom dawn l-impronti kienu tali li setghu, legalment u ragjonevolment, inisslu fil-Gudikant il-konvinciment morali li kienet il-persuna li lilha kienu jappartjenu l-istess impronti li kienet hekk spustathom, u dan evidentement bil-hsieb li jingarru flimkien ma' l-oggetti l-ohra li kienu effettivament ingarru. Fin-nuqqas ta' xi spjegazzjoni, imqar fuq bazi ta' probabbilita`, ta' kif dawk l-impronti tal-appellant Frendo spiccaw fuq l-oggetti misjuba fil-kaxxa, l-ewwel Qorti ftit li xejn kellha triq ohra ghajr li ssib lill-appellant hati skond l-ewwel imputazzjoni".

Riferenza ghandha ssir ghall-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Alfred Bugeja** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-22 ta' Novembru 2012 fejn il-Qorti qalet hekk:

"F'dan il-kaz l-impronta li qablet mas-saba' z-zghir ta' l-id ix-xellugija ta' l-appellat instabet fuq il-kument tat-tieqa tan-naha tal-lemin ta' l-ufficcju tal-Mid-Med. Din it-tieqa tinsab fuq in-naha ta' wara tal-Bank fejn, minn ezami tar-ritratti mehudin u esebiti minn PC 516 Alfio Borg (*a fol.* 37), jirrizulta li hemm passagg dejjaq – mhux, mela, post fejn hu mistenni li jikkongregaw in-nies. L-impronta nstabet proprju fuq il-kument tat-tieqa tal-lemin, dik it-tieqa (*sliding*) li tkissritilha l-hgiega biex setghet tinfetah u tigi mbuttata lejn ix-xellug sabiex b'hekk il-halliel jew hallelin setghu jaqtghu l-hadid li kien hemm fuq in-naha ta' gewwa.

[...]

Dak li hu palezi hu li l-appellat ma ta l-ebda spjegazzjoni ragjonevoli ta' kif impronta ta' idu l-leminija thalliet

proprju fuq it-tieqa sgassata ta' l-ufficcju tal-Mid-Med Bank fl-Universita` Tal-Qroqq".

**Ikkunsidrat**

Illi fir-rigward tad-decizjoni appena citata, cioé dik tat-22 ta' Novembru 2012, jekk din ghandhiex tigi applikata jew le ghall-kawza odjerna, il-Qorti ghandha s-segwenti konsiderazzjonijiet x'taghmel.

Illi fil-kawza odjerna l-Qorti ghandha tistaqsi jekk il-prova tal-impronta li giet elevata minn fuq il-vettura *de quo* **minn barra** hijiex sufficjenti sabiex wiehed jikkonkludi illi l-imputat kien il-malvivent li kkommetta r-reati addebitati lilu.

Illi huwa principju rassodat illi l-provi fil-kamp kriminali jistghu ikunu kemm diretti kif ukoll indizjali, izda dawn ta' l-ahhar iridu ikunu univoci, iwasslu ghal konkluzjoni wahda u iridu ikunu sufficjenti tali biex inisslu konvinciment morali f'mohh il-Gudikant lil hinn minn kull dubbju ragjonevoli mir-reita' ta' l-imputat. Fil-fatt, il-provi cirkostanzjali jistghu jitqiesu bhala prova ammissibbli jekk huma univoci u jwasslu ghall-konkluzjoni wahda[3].

Illi l-Qorti tinnota li hawnhekk qed nitkellmu fuq impronta li nstabet fuq vettura, precizament fuq il-bieba ta' wara tal-lemin **fuq barra**. Vettura hija haga mobbli u mhux fuq xi haga fissa. Anqas ma jirrizulta li l-impronta in kwistjoni nstabet fuq gewwa tal-vettura – ghax forsi wiehed setgha jasal ghall-konkluzjoni diversa.

Illi, filwaqt li l-impronta digitali ta' l-imputat fuq il-vettura fuq barra ma jista' jmeriha hadd, pero din wahidha ma tista' qatt twassal lil dina l-Qorti ghal konvinciment morali illi l-imputat kien il-malvivent illi kkommetta l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tieghu. Apparti minn dan, l-imputat min-naha tieghu la jixhed f'dina il-kawza u *inoltre* fl-istqarrija rilaxxata minnu (*a fol.* 4 *et seq.*) ma jammettiex l-involviment tieghu fil-kummissjoni tar-reati li dwarhom jinsab akkuzat fil-kawza odjerna.

[3] **Il-Pulizija vs. Carmelo Calleja**, deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-7 ta'Mejju 2010.

Illi l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tal-imputat jirrigwardaw l-allegat involviment tieghu fis-serqa in kwistjoni. Ghalkemm il-Qorti tista' tispekula dwar jekk l-imputat kienx involut f'din is-serqa, madanakollu dawn huma biss kongetturi u xejn ibbazat fuq provi konkreti fl-atti. B'hekk il-Qorti ma tistghax tapplika dak li gie ritenut fil-kawza citata aktar qabel, cioé dik fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Alfred Bugeja** peress illi l-fatti tal-kawzi m'humiex l-istess. Illi, fir-rigward tal-kawza odjerna, jezisti dubbju dettat mir-raguni dwar jekk l-imputat huwiex hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu. Illi l-provi li hemm fl-atti ghalhekk ma humiex sufficjenti ghal sejbien ta' htija, provi li fil-kamp penali jridu jindikaw lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni l-htija ta' l-imputat. Illi fil-verità, madanakollu, fl-atti processwali ma hemm l-ebda prova ohra li turi illi l-imputat kien prezenti fuq ix-xena tar-reat, ghajr ghal impronta digitali li tista' tindika diversi ipotesijiet u mhux certezzi u li ma tista' qatt tkun prova univoka u ma tista' qatt twassal lil din il-Qorti ghal konkluzjoni wahda.

Illi fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Formosa et** moghtija fil-15 ta' Jannar 2016, il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet is-segwenti:

> "Din il-Qorti ħasbet fit-tul dwar iċ-ċirkostanzi kollha ta' dan il-kaz kif jemerġu mill-provi inkluzi dawk li fuqhom straħet l-ewwel Qorti u din il-Qorti waslet għall-konkluzjoni li fuq dawk iċ-ċirkostanzi l-ewwel Qorti ma setgħetx raġionevolment tasal għall-konkluzjoni li waslet għaliha u ċioé li l-imputati appellanti huma ħatja mingħajr dubbju dettat mir-raġuni tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħhom. L-aktar 'il bogħod li wieħed jista' jasal fuq l-iskorta tal-provi prodotti huwa li dawn jiġġeneraw suspett raġonevoli li l-imputati ikkommettew l-għemil imputat lilhom mill-Prosekuzzjoni, izda prova sa dan il-grad ma hix bizzejjed sabiex jintlaħaq il-grad għoli ta' prova meħtieġ għas-sejbien ta' ħtija fil-qasam tad-dritt penali".

**Ikkunsidrat**

Illi l-ebda wahda mill-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat ma giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat m'huwiex ser jinstab hati taghhom u ser jigi liberat minnhom.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, ma ssibx lill-imputat Tyrone Sammut hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u b'hekk tilliberah minnhom.

**Dr. Neville Camilleri**
**Magistrat**

**Ms. Christine Farrugia**
**Deputat Registratur**